# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-25 ta' Ġunju 2019 – Fred Olsen vs Naviera Armas**

**(Kawża C-319/18 P)** [1]

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Dritt esklużiv ta' użu tal-infrastruttura portwarja ta' Puerto de Las Nieves (Spanja) mogħti lil kumpannija ta' trasport marittimu – Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajnuna mill-Istat fi tmiem il-proċedura ta' eżami preliminari – Vantaġġ mogħti permezz ta' riżorsi tal-Istat – Kriterju tal-investitur privat li jaġixxi f'ekonomija tas-suq"

*Għajnuna mogħtija mill-Istati – Kunċett – Evalwazzjoni skont il-kriterju ta' investitur privat – Għoti ta' aċċess esklużiv għall-infrastruttura portwarja amministrata minn awtorità pubblika – Kriterji ta' evalwazzjoni*

*(Artikolu 107(1) TFUE)*

*(ara l-punti 39-44)*

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud għaliex manifestament infondat.

2) Fred Olsen SA għandha tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha relatati mal-appell, l-ispejjeż sostnuti minn Naviera Armas SA.

3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

1 ĠU C 268, 30.7.2018.